

32005D0673

30.9.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 254/69

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****ta' l-20 ta' Settembru 2005****li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****(2005/673/KE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

eżenzjoni għandhiex tiġi riveduta b'konnessjoni mad-disponibbiltà tas-sostituti taċ-ċomb.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 fuq vetturi li m'għadhomx jintużaw <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 4(2)(b) tagħha,

- (6) Fil-każ ta' *bearing shells* u *bushes* taċ-ċomb, deskritti fil-punt (4) ta' l-Anness, il-Kummissjoni sejra tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza għandhiex tiġi riveduta sabiex jiġi żgurati li t-teknoloġija mingħajr ċomb tista' tintuża fil-magni u t-trażmissjonijiet kollha mingħajr ħsara għall-funzjonament korrett tagħhom.

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2000/53/KE il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju jew tal-kromju eżivalenti li huma projbiti taħt l-Artikolu 4(2)(a) ta' dik id-Direttiva.

- (7) Fil-każ ta' l-użu tal-kromju eżivalenti fil-kisi għall-prevenzjoni tal-korrużjoni konness ma' muntaġġi bi skorfini u boltijiet għal applikazzjonijiet tax-chassis, deskritti fil-punt (13)(b) ta' l-Anness, il-Kummissjoni sejra tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza ta' dik l-eżenzjoni għandhiex tiġi riveduta sabiex jiġi żgurati li l-ebda partijiet mekkaniċi essenzjali ma jkun jistgħu aċċidentalment jinħallu minn ma xulxin tul il-ħajja tal-vettura.

- (2) Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi meħtieġa u waslet għal għadd ta' konklużjonijiet.

- (8) Fil-każ ta' l-użu tal-kadmju fil-batteriji għal vetturi elettriċi, deskritti fil-punt (17) ta' l-Anness, il-Kummissjoni sejra tivvaluta, sa tmien l-2007, jekk id-data ta' skadenza ta' dik l-eżenzjoni għandhiex tiġi riveduta sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' teknoloġiji alternattivi tal-batteriji u ta' vetturi elettriċi.

- (4) Ċerti materjali u komponenti li fihom iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju jew il-kromju eżivalenti għandhom ikunu eżenti jew jibqgħu jkun eżenti mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu 4(2)(a) minħabba li għadu inevitabbli l-użu ta' dawn is-sustanzi f'dawk il-materjali u komponenti speċifiċi. F'xi każijiet ikun il-każ li tiġi riveduta d-data ta' skadenza ta' dawn l-eżenzjonijiet sabiex jiġi determinat jekk l-użu tas-sustanzi projbiti jibqax inevitabbli fil-ġejjieni.

- (9) Id-Direttiva 2000/53/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

- (5) Fil-każ ta' l-aluminju maħsub sabiex jinħadem bil-makinarju, b'kontenut ta' ċomb sa 1,5% tal-piż, deskritti fil-punt (2)(a) ta' l-Anness, il-Kummissjoni sejra tivvaluta, sa l-1 ta' Lulju 2007, jekk id-data ta' skadenza għal dik l-

*Artikolu 1*Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/438/KE <sup>(2)</sup>, l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE għandu jiġi sostitwit bit-test dispot fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/438/KE (ĠU L 152, 15.6.2005, p. 19).

<sup>(2)</sup> ĠU L 152, 15.6.2005, p. 19.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, nhar il-20 ta' Settembru 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President tal-Kunsill*

M. BECKETT

---

## ANNEX

## "Annex II

## Materjali u komponenti eżenti mill-Artikolu 4(2)(a)

Materjali u komponenti	Ambitu u data ta' skadenza ta' l-eżenzjoni	Għandu jiġi ttikkettat jew magħmul identifikabbli, skond l-Artikolu 4(2)(b)(iv)
<i>Iċ-ċomb bħala element ta' liga</i>		
1. Azzar maħsub sabiex jinħadem bil-makkinarju u azzar galvanizzat b'kontenut ta' ċomb sa 0,35% bil-piż		
2 a) Aluminju maħsub sabiex jinħadem bil-makkinarju b'kontenut ta' ċomb sa 1.5 % bil-piż	1 ta' Lulju 2008	
2 a) Aluminju maħsub sabiex jinħadem bil-makkinarju b'kontenut ta' ċomb sa 0,4% bil-piż		
3. Liga tar-ram b'kontenut ta' ċomb sa 4% bil-piż		
4. <i>Bearing shells</i> u <i>bushes</i>	1 ta' Lulju 2008	
<i>Ċomb u komposti taċ-ċomb fil-komponenti</i>		
5. Batteriji		X
6. <i>Dampers</i> anti-vibrazzjonali		X
7 a). Aġenti tal-vulkanizzazzjoni u stabilizzaturi għal elastomeri f'applikazzjonijiet ta' maniġġ ta' fluwidi u f'applikazzjonijiet tal- <i>powertrain</i> b'kontenut ta' ċomb sa 0,5% bil-piż	1 ta' Lulju 2006	
7 b) Aġenti tat-tgħaqqid għal elastomeri f'applikazzjonijiet tal- <i>powertrain</i> b'kontenut ta' ċomb sa 0,5% bil-piż		
8. Stann f'ċirkuwiti elettroniċi u applikazzjonijiet elettriċi oħrajn		X (1)
9. Ram f'materjali għall-frizzjoni ta' <i>linings</i> tal-brejkijiet b'kontenut ta' ċomb iktar minn 0,4% bil-piż	1 ta' Lulju 2007	X
10. <i>Valve seats</i>	Tipi ta' magni żviluppati qabel l-1 ta' Lulju 2003: 1 ta' Lulju 2007	
11. Komponenti elettriċi li fihom iċ-ċomb f'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika minbarra ħġieġ fil-bozoz u l- <i>glaze</i> ta' l- <i>spark plugs</i>		X (2) (għal komponenti għajr il-piezo fil-magni)
12. Inizjaturi pirotekniċi	Vetturi tat-tip approvat qabel l-1 ta' Lulju 2006 u inizjaturi ta' sostituzzjoni għal dawn il-vetturi	
<i>Kromju Eżivalenti</i>		
13 a) Kisi għall-prevenzjoni tal-korrużjoni	1 ta' Lulju 2007	
13 b) Kisi għall-prevenzjoni tal-korrużjoni relatat ma' muntaġġi bi skorfini u boltijiet għal applikazzjonijiet <i>tax-chassis</i>	1 ta' Lulju 2008	
14. Friġġijiet ta' assorbiment f'karavannijiet motorizzati		X
<i>Merkurju</i>		
15. <i>Discharge lamps</i> u indikaturi fuq il- <i>panel</i> ta' strummentazzjoni		X
<i>Kadmju</i>		
16. Pejst oħxon użat bħala lega	1 ta' Lulju 2006	

Materjali u komponenti	Ambitu u data ta' skadenza ta' l-eżenzjoni	Għandu jiġi ttikkettat jew magħmul identifikabbli, skond l-Artikolu 4(2)(b)(iv)
17. Batteriji għal vetturi elettriċi	Wara l-31 ta' Diċembru 2008, it-tqegħid fis-suq ta' batteriji NiCd għandu jkun permess biss għal partijiet ta' sostituzzjoni għal vetturi mqiegħda fis-suq qabel din id-data.	X
18. Komponenti ottiċi fmatrici tal-ħġieġ użati għal Sistemi ta' Assistenza għas-Sewwieq	1 ta' Lulju 2007	X

(i) Żmuntaġġ jekk, korrelattivament għall-entrata 11, jinqabeż il-limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola mhuwiex sejjer jittieħed kont ta' tagħmir elettroniku mhux installat mill-manifattur fil-fażi tal-produzzjoni.

(ii) Żmuntaġġ jekk, korrelattivament għall-entrata 8, jinqabeż il-limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola mhuwiex sejjer jittieħed kont ta' tagħmir elettroniku mhux installat mill-manifattur fil-fażi tal-produzzjoni."

Noti:

- Għandu jkun tollerat valur massimu ta' konċentrazzjoni sa 0,1% bil-piż u għal kull materjal omoġenju, għaċ-ċomb, għall-kromju eżavalenti u għall-merkurju u sa 0,01% bil-piż għal kull materjal omoġenju għall-kadmju.
- L-użu mill-ġdid ta' partijiet ta' vetturi li kienu diġà fis-suq fid-data ta' skadenza ta' eżenzjoni huwa permess mingħajr limiti billi mhuwiex kopert mill-Artikolu 4(2)(a).